

Brussell, 7 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9926/22

AGRILEG 90
PESTICIDE 18

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	2 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D080353/03
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-karbonat tal-kalċju, għad-diossidu tal-karbonju, għaċ-ċiprodinil u għall-karbonat idroġenat tal-potassju f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D080353/03.

Mehmuż: D080353/03



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANTE/10182/2022 Rev. 1
(POOL/E4/2022/10182/10182R1-
EN.docx) D080353/03
[...] (2022) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-karbonat tal-kalċju, għad-diossidu tal-karbonju, għaċ-ċiprodinil u għall-karbonat idroġenat tal-potassju f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-karbonat tal-kalċju, għaddiossidu tal-karbonju, għaċ-ċiprodinil u għall-karbonat idroġenat tal-potassju f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") taċ-ċiprodinil ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-karbonat tal-kalċju, id-diossidu tal-karbonju u l-karbonat idroġenat tal-potassju jiġu inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Codex Alimentarius adottat limitu massimu ġdid ta' residwi tal-Codex (CXL) għaċ-ċiprodinil fil-fażola tas-sojja².
- (3) F'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, fejn jeżistu standards internazzjonali jew fejn it-tlestija tagħhom tkun imminenti, dawn għandhom jitqiesu fl-iżvilupp jew fl-adattament tal-liġi dwar l-ikel, ħliet fejn dawn l-istandards jew partijiet rilevanti jkunu mezz ineffettiv jew mhux adattat għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi tal-liġi dwar l-ikel, jew fejn ikun hemm ġustifikazzjoni xjentifika, jew fejn dawn jirriżultaw f'livell differenti ta' protezzjoni minn dak stabbilit bħala xieraq fl-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 13(e) ta' dak ir-Regolament, l-Unjoni għandha tippromwovi l-konsistenza bejn l-istandards tekniċi internazzjonali u l-liġi dwar l-ikel filwaqt li tiżgura li l-livell għoli ta' protezzjoni adottat fl-Unjoni ma jitbaxxiex.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ivvalutat is-CXL propost għaċ-ċiprodinil fil-fażola tas-sojja u kkonkludiet li huwa sikur għall-konsumaturi fl-

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

² Rapport tal-44 Sessjoni tal-Kummissjoni Codex Alimentarius (REP21/CAC) https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-701-44%252FFINAL%252520REPORT%252FRep21_CACe.pdf.

³ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Unjoni⁴, u l-Unjoni ma ppreżentatx riżervi^{5,6} lill-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi dwar dan is-CXL propost.

- (5) Għalhekk huwa xieraq li dan is-CLX jiġi inkluż fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 bħala MRL.
- (6) Il-karbonat tal-kalċju, id-diossidu tal-karbonju u l-karbonat idroġenat tal-potassju ġew inklużi b'mod temporanju fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 sakemm ġiet iffinalizzata l-evalwazzjoni tagħhom jew skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE⁷ jew skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009⁸ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u sakemm ġew rieżaminati f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 396/2005. Fil-kuntest tal-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Awtorità ħarġet konklużjonijiet dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tal-karbonat tal-kalċju⁹, tad-diossidu tal-karbonju¹⁰ u tal-karbonat idroġenat tal-potassju¹¹. Abbażi tal-konklużjonijiet imsemmija tal-Awtorità, l-ebda MRL ma huwa meħtieġ għall-karbonat tal-kalċju, għad-diossidu tal-karbonju u għall-karbonat idroġenat tal-potassju. Għalhekk, huwa xieraq li dawn is-sustanzi jibqgħu fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005¹².
- (7) Abbażi tar-rapport xjentifiku u tal-konklużjonijiet tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, il-modifiki xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

⁴ Appoġġ xjentifiku għat-tħejjija ta' pożizzjoni tal-UE għat-52 Sessjoni tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi (CCPR). EFSA Journal 2021;19(8):6766.

⁵ Kummenti tal-Unjoni Ewropea dwar il-Codex CX/PR 21/52/5(REV):

https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-52%252FCRDs%252Fpr52_CRD22x.pdf.

⁶ Rapport tat-52 sessjoni tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi REP21/PR: https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-52%252FREPORT%252FFINAL%252FBREPORT%252FREP21_PR52e.pdf.

⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

⁹ EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2021. Konkluzjoni dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pesticidi għas-sustanza attiva karbonat tal-kalċju (Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance calcium carbonate). EFSA Journal 2021;19(4):6500.

¹⁰ EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2021. Konkluzjonijiet dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pesticidi għas-sustanza attiva diossidu tal-karbonju (Conclusions on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance carbon dioxide). EFSA Journal 2021;19(6):6605.

¹¹ EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2021. Konkluzjoni dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pesticidi għas-sustanza attiva karbonat idroġenat tal-potassju (Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance potassium hydrogen carbonate). EFSA Journal 2021;19(5):6593.

¹² EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2022. Dikjarazzjoni dwar sustanzi attivi ta' pestiċidi li ma jkollhomx rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 (Statement on pesticide active substances that do not require a review of the existing maximum residue levels under Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005). EFSA Journal 2022; 20(01):7061.

- (8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN